**25 ta' Jannar, 1960**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.**

Emmanuele Scicluna

*versus*

Adolph Conti

**Appoġġ — Art. 455 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Appoġġ ifisser mhux biss l-addentellament ta' beni ma' ħajt ta' ħadd ieħor, iżda anki li dan il-ħajt ikun irrenda xi servizz lill-viċin; tant li l-akkwist jista' jsir saħansitra għal sempliċi kapriċċ. Tibqa' dejjem, però, l-indaġini jekk il-viċin kellux l-intenzjoni li jakkwista dik il-komunjoni.*

Il-Qorti:— Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur, wara li ppremetta illi l-attur jippossjedi l-fond mingħajr numru jismu "Alfred" fi New Street "B", Naxxar Road, Birkir-

kara; u dan l-aħħar il-konvenut, fil-mentri li użufruwixxa mid-dritt tal-appoġġ mal-ħajt diviżorju, għamel diversi danni fil-fond tal-instanti; u illi l-konvenut, interpellat b'ittra uffiċjali tal-4 ta' Marzu 1958 biex jagħmel tajjeb għall-istess danni, u biex jersaq għall-likwidazzjoni ta' dak li għandu jħallas għad-dritt tal-appoġġ, baqa' inadempjenti; talab li l-konvenut, prevja n-nomina ta' perit tekniku biex jikkonstata d-danni allegati u biex jagħmel il-likwidazzjoni tad-dritt tal-appoġġ dovut, jiġi kundannat (1) jirripara d-danni li waqt it-trattazzjoni tal-kawża jirriżultaw minnu kawżati fil-fond tal-attur "Alfred", mingħajr numru, fi New Street "B" Naxxar Road, Birkirkara, u dan taħt id-direzzjoni tal-perit tekniku nominat għal dan l-iskop, u bl-awtorizzazzjoni lill-instanti li jirripara huwa a spejjeż tal-konvenut l-istess danni f'każ ta' inadempjenza tal-konvenut fit-terminu lilu prefiss għal dan l-iskop; u (2) jiġi kundannat iħallas lill-instanti dik is-somma li tiġi likwidata per saldu tad-dritt tal-appoġġ użufruwit mill-istess konvenut meta bena mal-ħajt diviżorju bejn l-imsemmi fond tal-attur u dak tal-konvenut fl-istess trieq. B'riżerva u mingħajr preġudizzju ta' kull azzjoni oħra lill-attur kompetenti riferibbilment għal dan il-fond. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tal-4 ta' Marzu 1958, kontra l-konvenut;

*Omissis;*

Ikkunsidrat dwar l-ewwel domanda;

*Omissis;*

Ikkunsidrat, dwar it-tieni domanda;

Illi l-konvenut oppona l-intempestività tagħha minħabba li l-kumpens għall-appoġġ kellu jiġi stabbilit mill-periti taż-żewġ partijiet u dan sal-lum ma sarx; iżda lanqas din il-pretensjoni ma hi sostenibbli, għaliex ma ġiex soddisfaċentement pruvat dan il-ftehim; anzi rriżulta illi Edward Conti, li kien qed jirrappreżenta lill-konvenut missieru f'din il-kwistjoni, xehed li hu qatt ma kellem lill-attur

dwar il-likwidazzjoni tal-appoġġ, u dan anki għaliex dak iż-żmien kienu merfugħin minn xulxin;

Illi xejn ma jiswa li l-perit tal-konvenut kien ġa laħaq stama dak l-appoġġ u ġieb li l-konvenut kellu jħallas tiegħu s-somma ta' £66.12.6. Din is-somma qatt ma ġiet lill-attur offerta, u lanqas depożitata skond il-liġi, u għalhekk l-attur kien ġustifikat jagħmel din il-kawża madwar xahrejn wara l-ewwel interpellazzjoni tiegħu fis-26 ta' Frar 1958 (fol. 33);

Illi, rigward il-"quantum", il-perit ġudizzjarju, fit-tieni relazzjoni tiegħu, illikwida l-kumpens dovut lill-konvenut fis-somma ta' £65.14.5; u billi l-attur insista għal kumpens minħabba l-appoġġ mal-ħajt bejn il-btieħi interni tad-dar tiegħu, il-perit issottometta illi fil-każ li jiġi ritenut li dak li sar jikkostitwixxi appoġġ, il-konvenut għandu jagħti lill-attur l-ammont ta' £6. 1. 0 ta' sehmu;

Illi l-attur jibbaża din il-pretensjoni tiegħu fuq il-fatt li l-konvenut kaħħal u bajjad l-imsemmi ħajt, u hekk qiegħed jagħmel użu minnu; il-konvenut, minn naħa tiegħu jippretendi li ebda appoġġ ma hu dovut, billi ebda parti mill-bini ma ġiet poġġuta ma' dak il-ħajt;

Kif ġie drabi oħra ritenut, appoġġ ifisser mhux biss l-addentellament ta' bini ma' ħajt ta' ħadd ieħor, iżda anki li dan il-ħajt ikun jirrendi xi servizz lill-viċin, tant li l-akkwist tal-komunjoni tal-ħajt jista' jsir saħansitra għal sempliċi kapriċċ, kif tikkonferma l-lokuzzjoni ġenerika u komprensiva tal-art. 455 tal-Kodiċi Ċivili. Tibqa' però dejjem l-indaġini jekk il-viċin kellux l-intenzjoni li jakkwista dik il-komunjoni; għaliex, kif jinnota Ricci, "basta che chi vuol conseguirla ne dimostri la volontà, perchè "ope legis" se ne trasferisca in esso la comproprietà" (Diritto Civile, Vol. II, § 396 ter.);

Issa, mhux kontestat li l-konvenut kaħħal u bajjad dak il-ħajt — ħaġa li ma kienx jista' jagħmel jekk mhux bħala konsorti fil-ħajt; u b'hekk wera l-intenzjoni tiegħu li jirrendi komuni l-ħajt in kwistjoni (ara f'dan is-sens P.A.

22.3.1957 in re "Cutajar vs. Pace", u l-awtoritajiet hemm ċitati);

Konsegwentement, huwa tenut iħallas anki ta' dak l-appoġġ;

Għal dawn il-motivi;

Tiddikjara li ma hemmx lok li tkun provvduta fil-meritu l-ewwel talba, minħabba li x-xogħolijiet meħtieġa saru mill-konvenut fil-kors tal-kawża;

Tilqa' t-tieni talba, u tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur is-somma ta' £71.15.5;

L-ispejjeż iħallashom il-konvenut.